MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Numru 902/2003

PULIZIJA
SPETTUR GATT
VS
OLAF GAUCI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Olaf Gauci, ta’ 27 sena, iben Martin u Mary Chircop, imwieled Pieta’ fil-4.5.1976, residenti ‘44’, Triq M.A. Vassalli, Qormi u detentur tal-karta’ ta’ l-Identita’ bin-numru 251076(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-10.1.2001 ghal habta ta’ l-10:00a.m. u jiem qabel din id-data, gewwa il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi document mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.2) u dak ta’ l-imputat (a fol.9a)

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet trattazzjoni tal- partijiet.

Ikkunsidrat:

L-Ispettur Stephen Gatt xhed (a fol.10 et seq.) illi PC 723 Bonnici gie nfurmat fil-10 ta’ Jannar 2001 illi sehhet kollizzjoni fi Triq ix-Xatt, Msida bejn Bus DBY 453 u van Transit Ford BBE 174. Gie ddikjarat lil Pulizija illi dawn il-vetturi kienu misjuqa minn sidhom, meta dawn ma sehhux fir-realta’.

L-imputat Olaf Gauci, suppost kien isuq il-Bus waqt li Peter Caruana kien jsuq il-van Transit. L-okkorrenza tispjega il-posizzjoni u r-raguni tal-kollizzjoni kif mghotija miz-zewg sewwieqa.

L-insurance rritraccat l-indirizz ta’ l-imputat u inizjat procedura Civili (wara sentejn). Meta l-imputat gie notifikat b’dawn il-proceduri mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija illi huwa ma kienx is-sewwieq tal-Bus izda dan kien certu Manolito Magri.

Minn dan il-punt ‘l quddiem, il-Pulizija skoprew illi l-indirizz mghoti lill-Pulizija fl-okkorrenza tal-korrezzjoni in fatti kien l-indirizz ta’ Manolito Magri.

Il-Pulizija ghalhekk komplew jinvestigaw u rrizulta illi peress illi fiz-zmien tal-kollizzjoni, Manolito Magri ma kienx kopert b’licenza ta’ xarabank, sid x-xarabank Joseph Zammit u Manolito Magri ftiehmu li f’kas ta’ emergenza Magri kellu jaghti isem u partitwali ta’ l-imputat (li kellu tali licenza).

Gara li Magri tilef il-karta bil-‘particulars’ ta’ Gauci u ghalhekk nizzel l-indirizz tieghu nniffsu.

L-okkorrenza ta' l-incident giet ezebita u mmarkata bhala Dok.SG (a fol.14 et seq.)

L-istqarrija ta' Olaf Gauci giet ezebita u mmarkata bhala Dok.SG1

Spettur Haber xhed illi skond 'statements' ta' M. Magri, Joseph Tonna u PC 723 Anthony Bonnici, kien sar ftehim sabiex f'kas ta' bzonn ssir referenza ghal isem Olaf Gauci stante li M. Magri ma kellux apposita licenzja ta' xarabank. Spettur Haber xhed illi Manolito Magri ma setghax jiftakar l-indirizz ta' Gauci u nizzel l-indirizz tieghu stess. Spettur Haber xhed illi il-kawzi gew inizjati il-ghaliex Gauci kien ilmenta mall-Pulizija li PC 723 ma kienx ivverifika l-identita' ta' Magri u qaghad fuq il-kelma tieghu. Olaf Gauci insista mall-Pulizija illi dawn kellhom jiehdu passi kriminali kontra Magri ta' frodi talli Magri ta' isem Gauci waqt li l-Pulizija deherilhom illi kien kas civili. Spettur Haber ezebixxa Dok. DH (fol. 20) stqarrija ta' M. Magri, Dok.DH1 (fol.23) stqarrija ta' Jesmond Tonna u Dok.DH2 (a fol.27 et seq.) stqarrija ta' PC 723 Bonnici. Spettur Haber ikkonferma illi l-imputat ma ghamilx rapport lill-Pulizija izda ghamel ilment quddiem l-Ombudsman.

Spettur Haber xhed illi Olaf Gauci baqa' jinsisti li ma kien jaf xejn bil-ftehim bejn Zammit Tonna u Magri. Izda Tonna u Magri jghidu li l-imputat kien jaf b'kollox.

Il-proceduri tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar gew ezebit bhala Dok.OG (fol.33 et seq.)

Giet ezebita sentenza (a fol.46).

PS 909 Paul Buhagiar ikkonferma d-dettalji tar-rapport maghmulin minn PC 723 Bonnici.

PS 723 Anthony Bonnici (a fol.58 et seq.) ikkonferma l-okkorrenza tieghu tal-kollizzjoni kkonferma li Magri kien jaf l-isem il-kunjom ta' Olaf Gauci u li l-indirizz kien ta' Manolito Magri.

PS 723 Anthony Bonnici kkonferma li kien kellem lill-imputat sentejn wara u nformah li huwa qatt ma kien involut f'kollizzjoni u li kien wehel intortament multa ta' Lm726.

PS 723 Bonnici xhed illi kien talab lil Magri jgib il-ID card pero' dan qatt ma gabha l-ghassa.

Emeriziana Agius (a fol.60 et seq.) tat il-partikularitajiet ta' l-imputat u dawk ta' Manolito Magri (Dok.RZ1 u Dok.RZ2).

Anthony Savona, surveyor ma' Fogg Insurance xhed illi ma kien jaf xejn dwar l-incident.

Brian Farrugia, Direttur tat-Traffiku kkonferma l-licenzi tas-sewqan ta' l-imputat u dawk ta' Magri.

Dr. Ramona Frendo kkonfermat illi l-imputat u Manolito Magri kienu gew fittxiha fil-limiti ta' Hal Qormi fit-12 ta' Dicembru tas-sena 2002 u wara li semghathom jispjegawlha kif l-imputat intortament gie kkundannat jhallas spejjes u danni, cioe' in konsegwenza ta' kollizzjoni fejn huwa lanqas biss kien sewwieq, u kif Manolito Magri kien supplixxa isem Olaf Gauci, hija rredigiet skrittura bejnhom fejn Magri kellu jhallas lil Gauci dawk l-ispejjes kollha.

Illi, effettivament, l-imputat, Olaf Gauci, hallas lil Fogg Insurance s-somma ta' Lm 710.97 fit-18 ta' Gunju tas-sena 2003.

Anthony Savona xhed illi l-assigurat tas-socjeta' assigurattrici tieghu (Fogg Insurance) kien Peter Caruana bil-vettura DBE 174 u ezebixxa certifikat ta' l-'insurance' Dok.AS

Spettur Stephen Gatt ezebixxa sentenza Dok.SGX fl-ismijiet il-Pulizija vs Manolito Magri fejn l-imputat kien mixli b'dikjarazzjoni foloz u taghrif falz.

Jesmond Tonna xhed illi huwa kien gie mitkellem mill-Pulizija u qalilhom li l-imputat kien accetta li jekk jigri xi

haga, Manolito Magri kellu jaghti il-‘particulars’ ta’ Olaf Gauci.

In kontro ezami, Jesmond Tonna ghazel li ma jirrispondix diversi domandi. Ammetta li Magri kien saqlu x-xarabank ghal zewgt Hdud qabel ma sar jaf li ‘special license’ ma kellux. Xhed li dan il-ftehim sar quddiemu Sibt wiehed. Ikkonferma illi huwa kien kera xarabank ta’ Joseph Zammit u li hu kien responsabbli ghal minn jigi mpjegat biex isuq ix-xarabanks.

Joseph Zammit xhed li ma jiftakarx li kien presenti ghal xi ftehim bejn Magri, l-imputat u Tonna dwar in-nuqqas ta’ Licenzja ta’ Magri. Lanqas ma kellu “idea” li Magri kien involut f’kollizzjoni tax-xarabank tieghu ma terzi. Zammit, in kontro ezami, lanqas seta’ jiftakar jekk kienx sid ix-xarabank in kwistjoni! Ma ftakarx jekk inkarigax lil Magri hu stess. Ma jiftakarx jekk talbux ‘special licence’.

Aktar tard Zammit ammetta li hu kien responsabbli ghat-tiswijiet fix-xarabanks u li x-xarabank in kwistjoni kellu xi grif.

Manolito Magri kkonferma li kien gie misjub hati ta’ dikjarazzjoni falza bi ksur ta’ l-Artikolu 188. Ikkonferma li kien ihallas il-flus dovuti. Ikkonferma li ma kellux licenza ghal xarabank. **Ikkonferma li l-ftehim sar bejnu u Olaf Gauci u Jesmond Tonna.**

**Illi sussegentement Magri xhed illi l-karta bil-‘particulars’ tahielu Jesmond Tonna.** Magri xhed illi kien qal lil Gauci **wara** il-kollizzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza giet inizjata minn ilment ta’ l-imputat stess lil Ombudsman wara li l-imputat Gauci hass ruhu aggravat li inqatghat sentenza kontra tieghi stess ghal ‘il fuq minn seba mitt lira danni, in segwitu’ ta’ kollizzjoni, meta fir-realta’, l-imputat qatt ma gie notifikat b’dawn il-proceduri u

meta dan qatt ma kien is-sewwieq tal-vettura indikata fid-data.

Illi wara l-Ombudsman ezamina l-kaz, ghadda l-kaz lill-Pulizija li bdew jinvestigaw. In fatti Manolito Magri gie mressaq b'akkuza ta' dikjarazzjoni falza u misjub hati skond is-sentenza ezebita Dok.SGX.

Minkejja dak illi jallegaw Joseph Zammit, (sid il-bus involuta fl-incident) Jesmond Tonna (persuna illi kera tali bus u li kien ihaddem in-nies) u Manolito Magri, din il-Qorti temmen (illi wara riluttanza kbira, wara domandi intensivi in kontro ezami) illi l-ahhar verzjoni ta' Manolito Magri, illi fl-ahhar iddikjara illi ma jiftakarx li Olaf Gauci kien prezenti meta Joseph Zammit, Jesmond Tonna u l-istess Magri, kienu qeghdin jiftehmu illi f'kaz ta' bzonn, minhabba n-nuqqas ta' licenza specjali tas-sewqan ta' l-istess Magri, Magri kellu jghati l-partikularitajiet ta' Olaf Gauci.

Din il-Qorti taghraf illi m'huwiex veru simili illi l-imputat kien meskolat f'din l-istorja il-ghaliex kieku, fir-realta, sar ftehim bejn l-imputat Magri, Tonna u Zammit, dak il-ftehim kien isehh, kien jithallsu d-danni minn min kellu jhallashom u l-istorja kienet tieqaf hemm. Illi dak li gara kien ezattament l-oppost.

Il-Qorti rat ukoll illi l-Prosekuzzjoni ma ezebitx stqarrija ta' l-imputat u li d-dokument SG1, a fol.17 tal-process, ma tikkostitwix stqarrija ta' l-imputat, skond il-Ligi, stante' li l-imputat ma inghata l-ebda 'caution' u li ma hemm ebda firma ohra ta xhud ta' stqarrija.

Illi, di piu', l-unici persuni li kellhom x'jigwadanjaw u ghaldaqstant kellhom motiv biex titwettaq il-messinxena fuq il-licenza tas-sewqan ta' Magri, kien primarjament Magri, waqt li Tonna u Zammit kienu involuti ghaliex kienu jimpjegawh bhala sewwieq.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti taghraf illi il-verzjoni ta' l-imputat ghandha mis-sewwa, hija verosimili u hi korroborata mic-'circumstantial evidence' ma' dan il-kaz.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, Olaf Gauci, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------